MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 188/2012

**Jeffrey u Claudine konjugi Chetcuti**

**vs**

**Teresa Bartolo u Charles Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ta' l-atturi pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-29 ta' Mejju 2012, fejn talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom s-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500) rapprezentanti arretrati ta' kera tal-fond 39, Triq St. Elena, Qasam ta' Penellu, Mellieha u hlas ta' konsum ta' dawl/ilma graventi l-istess fond.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittri ufficjali numru 450/2012, mandat ta' sekwestru numru 642/2012 MM, bl-imghax u b'hekk il-konvenuti jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Charles Bartolo u Teresa Bartolo pprezentata nhar it-3 ta' Lulju 2012 fejn eccepew:

"*Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:-*

*1. Illi l-esponenti dejjem hallsu l-kera tal-fond numru disgha u tletin (39), Triq Santa Elena, Qasam ta' Penellu, Mellieha li kienet tammonta ghal hames mitt Ewro (€500) .*
*2. Illi l-esponenti dejjem halsu l-konsum tad-dawl u ilma minbarra l-kera hawn fuq indikata .*
*3. Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ingunti in subizzjoni .*
*Salv eccezzjonijiet ohra kemm il-darba ikun il-kaz.*"

**Jeffrey Chetcuti** xehed nhar id-19 ta' Settembru 2012 fejn ikkonferma li huwa flimkien mal-mara tieghu ghandhom il-flat nru 39, Triq Santa Elena, Qasam ta' Penellu, Mellieha. Iddikjara li huma kienu krew dan il-flat lil konjugi Bartolo versu korrespettiv ta' erba mija u hamsin Ewro (€450) fix-xahar, fil-bidu, u dan wara li kienu ghamlu kuntratt ghand id-Dhalia u jekk mhux sejjer zball dan kien f'Mejju tas-sena 2010. Iddikjara li l-kuntratt originali kien ghal perjodu ta' sena. Tenna li wara li ghaddiet din is-sena l-konvenuti baqghu joqghodu f'dan il-post u baqghu jircievu il-kera. L-arrangament li kellhom dwar il-konsum tad-dawl u l-ilma kien li kienu il-konvenuti stess li kellhom jircievu il-kont tad-dawl u l-ilma u ihallsuh huma stess, ghalkemm il-meters in kwistjoni baqghu jaghjtu lilu. Fil-bidu haseb li kollox kien miexi b'mod regolari peress li huwa fdahom, ghalkemm ma kienx iccekkja. Ftakar li f'jum fost l-ohrajn, jekk ma marx zball kien Lulju tas-sena 2010, kien ircieva ittra minghand ARMS Limited fejn kien gie infurmat, li il-kontijiet tad-dawl u ilma ma kienux qed jigu mhallsa u li effettivament kienu ser jaqtghu il-komnikazzjoni. Tenna li sa fejn jiftakar, il-bilanc sa dakinhar kien cirka ta' xi hamest elef Ewro (€5,000). Wara din l-ahbar kien ikkomunika mal-konvenuti.
Mistoqsi jekk huwa kienx tkellem mal-konvenuti, wiegeb li iva kien tkellem mal-konvenuta, staqsieha sabiex

jippruvaw jaslu ghal xi tip ta’ kompromess u qal li hi qatt ma nnegat li effettivament kellha thallas dan l-ammont. Ikkonferma li in segwitu kienet marret flimkien mal-mara tieghu Claudine ghand l-ARMS Limited fejn iffirmat ftehim bhala guarnatee ta’ dan id-debitu. Nonostante dan, jidher li hija ma zammitx ma’ dan il-ftehim u xi ftit xhur wara kien huwa li mar l-ARMS Limited u pprova jerga’ jasal fi ftehim iehor. Regghu tawha opportunita’ ohra, pero’ nonostante dan hija regghet ma hallsitx. Nel frattemp ipprova jikkomunika mar-ragel taghha, pero’ hija nfurmatu li dan kien jahdem barra minn Malta, pero qatt ma kkooperat mieghu sabiex l-attur jikkommunika mieghu, fil-fatt lanqas il-mobile tieghu qatt ma taghtu. Iddikjarat li hija kienet qieghda f’separazzjoni flimkien mar-ragel taghha, filwaqt li kienet qed tbaghti minn cancer fi grizmejha u li kienet qed tiehu kura ghalih. Huwa thassarha u biex jagevolha beda jaccetta erba’ mitt Ewro (€400) fix-xahar minflok erba mija u hamsin Ewro (€450) fix-xahar. Ipprova kemm il-darba jiltaqa’ maghha, forsi jithallas xi ftit u jippruvaw jissetiljaw din il-kwestjoni b’mod amichevoli. Meta wasal biex ibiegh din il-propjeta’ u talabha sabiex tohrog mill-post sa certu zmien. Iddikjara li taha sa’ l-ahhar ta’ Frar tas-sena 2012. Tenna li kellimha dan l-ahhar biex jippruvaw jevitaw proceduri fil-Qorti. Fil-fatt kien wasal biex jaccetta li hija taghtih kambjala ghal sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500) li kellha taghtih, u taha il-fakulta li thallshu tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar. Dakinhar meta huwa kien flimkien fil-kumpanija ta’ martu u tal-habib tieghu Reginald Cini, accettat li taghtih is-somma ta’ sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500). Nonostante dan, ma riditx tiffirma il-kambjala. Iddikjara li l-ammont li qed jitlob jirraprezenta elfejn Ewro (€2,000) l-arretrati ta’ kera u il-kumplament huwa konsum ta’ dawl u ilma. In segwitu huwa biegh il-post u hallas il-kont li kien hemm pendenti mal-ARMS Limited huwa stess.

Iddikjara li darba tela ghal gharrieda fil-post fejn kien mikri lilha u kien sab lil zewgha. Qal li huwa qallu li xtaq jigbor dak id-debitu li kellu jiehu minn ghandhom. L-attur dehrlu li zewgha ma kienx jaf b’dan id-debitu dovut. Weghdhu li flusu kien ser jigborhom u baqghu li kellu jerga’

jikkuntatjah sabiex jithallas, u nonostante dan baqa' sal-lum il-gurnata ma thallasx**.**

**Jeffrey Chetcuti** rega' xehed fis-7 ta' Novembru 2012 fejn gie muri kuntratt li hu kien iffirma flimkien ma' Dhalia dwar agenzija rigwardanti l-kiri l-flat 39, Triq Santa Elena, Qasam ta' Penellu, Mellieha. Huwa ra wkoll *repayment programme schedule* mahrug mill-ARMS Limited in konnessjoni mal-kontijiet li kien hemm pendenti fuq il-fond. Huwa spjega li fuq il-parti ta' wara ta' dan l-i*schedule* hemm notament miktub bl-idejn, fejn hemm miktub li Teresa Bartolo, bin-numru tal-karta ta' l-identita' 109670(M), qed tiehu responsabilta' tal-kont li kien hemm pendenti. Id-dokumenti l-ohra jindikaw il-kontijiet li x-xhud ircieva fuq dan il-post waqt li huwa kien mikri lill-istess konvenuti.

Ix-xhud stqarr li kien hemm *payment schedule* iehor mahrug ukoll mill-ARMS Limited u li ma kienx gie onorat mill-istess konvenuti. Huwa sostna li kien hemm ukoll l-avvizi mahruga mill-ARMS Limited fejn kienu heddewhom li ser jaqtghu d-dawl.

**Il-konvenuta Teresa Bartolo** xehdet fis-7 ta' Novembru 2012 fejn cahdet li kellha taghti xi flus lill-attur u ddikjarat li hija dejjem hallsitu *cash*. Hija qalet li ghandha l-ircevuti. Fil-fatt esebiet ricevuta ta' kont li hija kienet hallset lil Water Services Corporation fis-17 ta' Lulju 2009 fl-ammont ta' €750.19 liema rcevuta giet immarkata bhala Dokument Z. Hija esebiet kont iehor li rceviet mill-ARMS Limited li gie mmarkat bhala Dok X fl-ammont ta' €1,361.31 u qalet li dan il-kont huwa intestat f'isem Jeffrey Chetcuti u jirreferi ghal perjodu ta' zmien meta kienet qed tikri dan il-post minghandu. Hija qalet li dan il-kont ma hallsitux. Ix-xhud sostniet li hija kienet talbet lill-attur biex idawwar il-kont tad-dawl fuqha u hu qal li ma setghax ghax il-post kien tal-Gvern u kien ghadu ma fediex ic-cens.

Ix-xhud giet mistoqsija jekk kinitx taf li skond il-kuntratt kienet iffirmat mal-attur li kellha thallas id-dawl u l-ilma qalet li iva kienet taf. Hija giet murija dokument esebit fl-

atti u b'mod partikolari ghal *re-scheduling programme* li kien hemm issugerit mill-ARMS Limited u qalet li l-firma hija taghha. Hija kkonfermat li kienet iffirmat li kellha thallas dan l-ammont lill-ARMS Limited u kienet iffirmat hames kambjali ma' din is-socjeta'. Ix-xhud esebiet kopja taghhom li gew immarkati bhala Dok S komplessivament. Hija sostniet li ma hallsithomx ghax l-attur kien talabha biex taghtih tliet mija u hamsin Ewro (€350) fix-xahar cash.

Ix-xhud ikkonfermat li kienet marret ghand l-ARMS u taghthom cekk ta' disa' mitt Ewro pero' dan ic-cekk kien ibbownsja. Hija sostniet li meta kellha l-flus kienet tmur ghand l-attur bihom pero' l-attur qatt ma taghha ricevuta taghhom. Hija spjegat li dejjem kienet taghtih €350 fix-xahar u qabel ma telqet kienet taghtu wkoll tmien mija ohra. Pero' sostniet li l-attur qatt ma taha rcevuta. Hija sahqet li lanqas ricevuta tal-hlas tal-kera qatt ma taghha u damet tliet xhur biex tiehu *relief* sabiex titma tlett itfal taghha.

**Il-konvenut Charles Bartolo** xehed fil-15 ta' Novembru 2012 fejn iddikjara li huwa separat minn mal-mara tieghu Teresa. Huwa jiftakar li meta l-mara tieghu kienet kriet il-fond 39, Triq Santa Elena, Qasam ta' Penellu, Mellieha minghand l-attur, huwa ma kienx prezenti izda l-mara tieghu kellha l-prokura tieghu. Huwa jaf li l-mara tieghu kienet thallas il-kontijiet tad-dawl li jircievu. Huwa ddikjara li kien jaghtiha hames mitt Ewro fix-xahar bhala kera u jaf li kien taha xi tmien mitt Ewro ghad-dawl. Kull meta jhallas il-kont tad-dawl, l-attur kien jghidilhom li gie kont iehor pero' l-kontijiet huwa qatt ma rahom u qatt ma tahom l-ircevuti lanqas.

Huwa sostna li ma jaf xejn dwar il-ftehim li ghamlet il-mara tieghu mal-ARMS. Huwa jaf li kienet marret pero' ma jafx b'dan il-ftehim. Huwa qatt ma ta flus lill-ARMS imma dejjem tahom lill-attur. Ix-xhud ikkonferma li huma ghamlu xi sentejn go dan il-flat. Huwa spjega li l-mara tieghu ghamlet xi arrangament mal-ARMS Limited, huma hallsu pagament dirett lill-attur. B'dan huwa fisser li kien jghaddi l-flus lill-mara u hi kienet tghaddihom lill-attur.

Ix-xhud stqarr illi huwa jahdem barra minn Malta u meta l-mara tieghu kienet tghaddi l-flus huwa ma kienx ikun prezenti. Huwa kien jemmen lill-martu meta tghidlu li ha taghti l-flus lill-attur. Ix-xhud iddikjara li huwa darba biss kien kellem lill-attur u cahad li qal lill-attur li kien lest li jaghmel tajjeb ghall-arretrati li kien hemm.

Huwa jiftakar li darba fost l-ohrajn mar jara t-tfal ghand il-mara tieghu u kienu gew l-atturi u bdew jghajtu u qalulhom li qabel ma jaghtuhom il-fond, huma kellhom ihallsu l-arretrati dovuti. Huwa kien fil-kcina dak il-hin u spjega li t-tfal ghandhom tlett iklieb li wiehed minnhom kien boxer u x-xhud zammu f'idejh. Ix-xhud ipprova jsikket lill-atturi, pero' l-kelb beda jirrabja. Huwa qal lill-attur biex jaghtih l-ircevuti ghax hu kien hallsu u qallu li jekk mhux ser jitilqu mill-post kien ser jitlaq il-kelb u wara telqu l-barra. Ix-xhud sostna li ma jafx li hemm l-arretrati dovuti. Huwa telaq mill-post f'Gunju 2011. Huwa ssepara minn mal-mara tieghu legalment fit-18 ta' Gunju 2012.

Illi nhar it-28 ta' Novembru 2012 rega xehed l-**attur Jeffrey Chetcuti** in kontro-ezami u kkonferma li fil-fatt il-konvenuta ghamlet xi pagamenti kemm damet fil-kirja in kwestjoni u kkonferma li rcevuta hu qatt ma taha. Pero' qatt ma talbitu ricevuta minhabba kwestjoni ta' sussidju. Huwa minnu li huwa din il-propjeta' kien xtraha minghand il-Gvern. Mistoqsi jekk kienx hemm klawsola li hu ma setghax jikri l-fond, wiegeb li hu kien tkellem mal-avukat u dan kien tah parir li setgha jikrih. Sostna li l-konvenuta qatt ma talbitu rcevuta.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza nhar it-28 ta' Novembru 2012 u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed ifittxu lill-konvenuti ghas-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500) kif hemm indikat fl-avviz promotur, liema somma tirrapprezenta arretrati ta' kera fuq il-fond mikri lilhom minnu u cioe il-

fond 39, Triq St Elena, Qasam ta' Penellu, Mellieha u hlas ta' konsum ta' dawl u ilma gravanti l-istess fond. L-attur Jeffrey Chetcuti kkonferma li dan l-ammont huwa kollu dovut waqt li l-konvenuti jecepixxu fl-ewwel lok li m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi ghaliex dejjem halsu l-kera fuq il-fond mikri lilhom u fit-tieni lok li huma dejjem hallsu l-konsum tad-dawl u ilma minbarra il-kera fuq indikata.

Il-kaz hu bazat fuq apprezzament tal-provi: *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra,anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*-**<u>Carmelo Farrugia v Rokku Farrugia</u>**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran) fl-24 ta' Novembru 1966.

Jinghad in primis kif korrettement gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet **'<u>Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri</u>'** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran "*bhala*
*konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru*

*tal-prova tad-debitu jibqa fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur'. L-attur li jallega ddebitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju liehor 'reus in exipiendo fit actor' ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*".

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq il-konvenuta tal-pagament li hija tallega li ghamlet. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet '**Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech'** deciza 28 ta' Mejju, 1885 qalet li "*La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega* (Kollez. Vol. X pagna 825). Fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, l-intimata jenhtiegilha qabel xejn tipprova, b'mod konvincenti u konkluziv, illi hija effettivament ghamlet il-hlas tas-somma reklamata. Jekk hija ma jirnexxilhiex taghmel din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (art. 1145 tal-Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Wisq ovvjament, din id-deficjenza tirrikadi fuqha ghax fuqha kien inkombenti l-oneru tal-prova tal-pagament.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri'** sup. cit. insibu li "*qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principji (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa allura salv il-principju illi f'kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F'kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova*

*kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta' l-istess medalja, id-differenza sottili fl-impostament ta' l-argoment tezisti*" (Ara '**<u>Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe</u>**' deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000).

Hu pacifikament stabbilit illi "l-*pagament jista jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur. Kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji li jridu jkunu tali li jkunu kapaci jikkonvincu lill gudikant* (Ara d-decizjonijiet riportati fil-volumi XLIII p.II p 624 u XXXVII p.I p.525)".

Issa f'dan il-kaz l-attur esebixxa kopja ta' l-iskrittura tal-kirja li kienu ffirmaw l-konvenuti meta krew il-fond 39, St Elena Street, Qasam ta' Penellu, Mellieha nhar il-15 ta' Mejju 2009 (fol. 15) u minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-konvenuti konjugi Bartolo kienu obbligati skond il-klawsola numru tnejn (2) li jhallsu lill-atturi is-somma ta' hames mitt Ewro (€500) mensilment rapprezentanti l-kera dovuta fuq il-fond u skond il-klaswola numru sitta (6) li jhalsu l-kontijiet tas-servizzi tad-dawl u ilma gravanti l-istess fond.

L-attur xehed u kkonferma li huwa ma thallasx minghand il-konvenuti l-kera ghal erba' xhur u li ghalhekk ghandu jiehu is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) f'dan ir-rigward u li l-konvenuti ma halsux il-kontijiet tad-dawl u ilma. Illi huwa esebixxa dokument mahrug minn ARMS Limited nhar l-20 ta' Lulju 2011 esebit fl-atti a fol 19 fejn hemm indikat li kien hemm kont pendenti fl-ammont ta' erbat elef, sebgha mija tlieta u erbghin Ewro u wiehed u ghoxrin centesmu (€4,743.21). Interessanti hu li fuq il-wara ta' dan il-kont hemm imnizzel li l-konvenuta Teresa Bartolo quddiem l-ufficcjal tal-Water Services Corporation Stefania Zahra ddikjarat li kienet qed tassumi r-responsabbilita ta' dan il-kont. L-attur ipprezenta dokumentazzjoni ohra mahruga minn ARMS Limited fil-perjodu meta l-fond kien mikri lill-konvenuti fejn hemm indikat li huma kienu ser jissospendu

is-servizz u dan ghaliex ma kienx qed isir hlas tal-kontijiet . L-konvenuta Teresa Bartolo fix-xhieda taghha ma tikkontestax din id-dikjarazzjoni taghha u tghid addirittura li hija kienet tmur u thallas lil ARMS ammont ta' flus mensilment. Tghid ukoll li l-attur qatt ma taha ricevuta tal-hlasijiet li ghamlet fil-passat u dan ma jidhirx li hu kontestat lanqas minn l-attur stess ghalkemm jghid li huwa qatt ma taha ricevuta ghaliex qatt ma gie mitlub jaghti wahda.

Illi ghalhekk ghalkemm fl-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta Teresa Bartolo tghid li m'ghandha taghti xejn, mill-provi jirrizulta mod iehor. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet '**Holland u Hallet Ltd vs Charles Busuttil**'**,** deciza fis-17 ta' Frar 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn dik il-Qorti ghamlet referenza ghal sentenzi ohra fuq il-materja. Irriteniet li l-konvenuti, bhala debituri ghandhom l-oneru li jipprovaw l-pagament (ara, per ezempju, "**Azzopardi vs Cutajar**", deciza minn dik il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 1982), u iridu juru, li huma *"hallsu"* lill-attur Jeffrey Chetcuti . *Inoltre*, kif qalet dik il-Qorti fil-kawza "**Seychell noe vs Gabriele**", deciza fid-29 ta' Lulju, 1982 mhux biss li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenuti li jallegawh, izda, *"jekk ikun hemm xi dubbju, dak id-dubbju ghandu jigi rizolut favur l-attur"* (ara wkoll "**Cassar vs Agius**" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 1924, "**Scicluna vs Scerri**", deciza mill-istess Onorabbli Qorti fid-19 ta' Novembru, 1951, u "**Grech vs Nmj Ltd**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-14 ta' Jannar, 2004).

**Il-Qorti hija tal-fehma li l-attur Jeffrey Checuti hu aktar kredibbli fix-xhieda tieghu u fil-provi li ressaq mill-konvenuta li ma pprovat xejn minn dak li allegat u ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti qieghda takkolji t-talbiet atturi u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu bejniethom u in solidum lill-istess atturi s-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500) kif mitluba fir-rikors promotur mill-atturi.**

**L-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur ghandhom jithalsu mill-konvenuti in solidum u bl-imghax mid-data ta' meta l-ittra ufficcjali numru 450/12 giet notifikata lill-istess konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------